Nru./No. 18,873
Prezz/Price
€3.96

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 21 ta' Frar, 2012
Tuesday, 21st February, 2012

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1977 - 1982
Government Notices ..... *1977 - 1982*

Avviż tal-Pulizija 1983
Police Notice 1983

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 1983 - 2019
Employment Opportunities ..... *1983 - 2019*

Avviżi tal-Gvern ..... 2020 - 2022
Notices ..... *2020 - 2022*

Offerti ..... 2022 - 2054
Tenders ..... *2022 - 2054*

Avviżi tal-Qorti ..... 2054 - 2060
Court Notices ..... *2054 - 2060*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 154

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-Kariga tiegħu ta' President nhar il-Ħadd, id-19 ta' Frar, 2012.

Is-Sur Anton Tabone ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

Il-21 ta' Frar, 2012
(OPR/ADM/31/05/II)

Nru. 155

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,869 u 18,871 tal-14 u tas-17 ta' Frar 2012, rispettivament.

A.L. Nru. 67 tal-2012: *Eurocontrol Act (Cap. 333); Civil Aviation (Route Charges for Navigation Services) (Amendment) Regulations, 2012*.

A.L. Nru. 68 tal-2012: Att dwar is-Sħubija ta' Malta fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (Kap. 347); Regolamenti tal-2012 li jemendaw l-Iskeda tal-Att dwar is-Sħubija ta' Malta fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

A.L. Nru. 69 tal-2012: Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169); Ordni tal-2012 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 5).

A.L. Nru. 70 tal-2012: Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158); Indiċi tal-Inflazzjoni għas-Sena 2011.

A.L. Nru. 71 tal-2012: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Avviż tal-2012 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-*Income* (Xogħol Filantropiku).

A.L. Nru. 72 tal-2012: Att dwar il-Pulizija (Kap. 164); Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija.

A.L. Nru. 73 tal-2012: Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492); Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali).

Il-21 ta' Frar, 2012

GOVERNMENT NOTICES

No. 154

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of The President on Sunday, 19th February, 2012.

Mr Anton Tabone has ceased to perform the function of President.

21st February, 2012

No. 155

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,869 and 18,871 of the 14th and the 17th February 2012, respectively.

L.N. No. 67 of 2012: Eurocontrol Act (Cap. 333); Civil Aviation (Route Charges for Navigation Services) (Amendment) Regulations, 2012.

L.N. No. 68 of 2012: Malta Membership of the European Bank for Reconstruction and Development Act (Cap. 347); Malta Membership of the European Bank for Reconstruction and Development Act (Amendment of Schedule) Regulations, 2012.

L.N. No. 69 of 2012: Commissioner of Land Ordinance (Cap. 169); Commissioner of Land (Transfer of Rights and Liabilities) (No. 5) Order, 2012.

L.N. No. 70 of 2012: Housing (Decontrol) Ordinance (Cap. 158); Index of Inflation for the Year 2011.

L.N. No. 71 of 2012: Income Tax Act (Cap. 123); Income Tax Exemption (Philanthropic Work) Notice, 2012.

L.N. No. 72 of 2012: Police Act (Cap. 164); Police Act (Fourth Schedule) (Amendment) Regulations, 2012.

L.N. No. 73 of 2012: Voluntary Organisations Act (Cap. 492); Voluntary Organisations (Annual Returns and Annual Accounts) Regulations, 2012.

21st February, 2012

Nru. 156

BORD TAT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

Membri Ad Hoc tal-Bord tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

SKONT Artikolu 40 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504), il-President ta' Malta ħatar lill-Prof. Kevin Aquilina, Perit Albert Borg Costanzi, Perit Patrick Camilleri, Dott. Robert Mangion u Perit Reuben Sciortino biex ikunu, fuq bażi ad hoc, Membri tal-Bord tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar b'seħħ mis-16 ta' Frar 2012.

Il-21 ta' Frar, 2012

No. 156

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL

Ad Hoc Members of the Environment and Planning Review Tribunal

IN terms of Article 40 of the Environment and Development Planning Act (Cap. 504), the President of Malta has appointed Prof. Kevin Aquilina, Architect Albert Borg Costanzi, Architect Patrick Camilleri, Dr Robert Mangion and Architect Reuben Sciortino to sit, on an ad hoc basis, as Members of the Environment and Planning Review Tribunal with effect from 16th February 2012.

21st February, 2012

Nru. 157

KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva l-ħatra bħala Kummissarju għall-Ġustizzja għal perjodu ta' sentejn, b'seħħ mill-15 ta' Frar, 2012 ta':

Avv. Dott. Matthew Brincat, LL.D.
Avv. Dott. Deborah Farrugia, LL.D.
Avv. Dott. Roberta Fenech Gauci, LL.D.
Avv. Dott. Robert Mangion, LL.D.

Is-16 ta' Frar, 2012
(MJ/5/1988/III)
(OPM/141/1981)

No. 157

COMMISSIONER FOR JUSTICE

IT is notified that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291) the Prime Minister approved the appointment as Commissioner for Justice, for a period of two years with effect from 15th February, 2012 of:

Dr Matthew Brincat, LL.D.
Dr Deborah Farrugia, LL.D.
Dr Roberta Fenech Gauci, LL.D.
Dr Robert Mangion, LL.D.

16th February, 2012

Nru. 158

KUMITAT ĠENERALI TAL-KUNTRATTI

SKONT ir-Regolament 9 (a) (ii) tar-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi, il-Prim Ministru approva illi għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2012 sal-31 ta' Jannar 2014, il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jkun magħmul minn dawn il-persuni:

Chairman
Is-Sur Francis Attard, Direttur Ġenerali – Kuntratti

Chairmen Sostituti
Is-Sur Anthony Cachia – Direttur *(Operations)*
Is-Sur Bernard Bartolo – Assistent Direttur *(EU Related Procurement)*
Is-Sur Oreste Cassar – Assistent Direttur *(Post Contracts)*

No. 158

GENERAL CONTRACTS COMMITTEE

IN terms of Regulation 9 (a) (ii) of the Public Procurement Regulations, 2010, the Prime Minister has approved that for the period 1st February 2012 to 31st January 2014, the General Contracts Committee be made up of the following persons:

Chairman
Mr Francis Attard, Director General – Contracts

Substitute Chairmen
Mr Anthony Cachia – Director Operations
Mr Bernard Bartolo – Asst. Director (EU Related Procurement)
Mr Oreste Cassar – Asst. Director (Post Contracts)

Membri
Is-Sur Joseph Borg Grech, B.Arch BE&A A&CE Dipl CD MRTPI
Is-Sur Mario Vella
Is-Sur Joseph Mizzi, B.Eng. A&CE
Is-Sur Carmel J Delicata, CPAA FCIB FIA MRTPI
Ms Doris Aquilina
Is-Sur Vincent Grech
Is-Sur Vincent Camilleri
Is-Sur Oliver Vassallo

Il-21 ta' Frar, 2012

Members
Mr Joseph Borg Grech, B.Arch BE&A A&CE Dipl CD MRTPI
Mr Mario Vella
Mr Joseph Mizzi, B.Eng. A&CE
Mr Carmel J Delicata, CPAA FCIB FIA MRTPI
Ms Doris Aquilina
Mr Vincent Grech
Mr Vincent Camilleri
Mr Oliver Vassallo

21st February, 2012

Nru. 159

AWTORITÀ TAT-TURIŻMU TA' MALTA

SKONT l-Artikolu 3 tal-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (Kap. 409), il-Ministru għat-Turiżmu, il-Kultura u l-Ambjent ħatar lil dawn li ġejjin bħala *Chairman* u Membri tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta għall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012.

Chairman
Is-Sur Ray Fenech

Membri
Is-Sur Alan Borg
Is-Sur Philip Fenech
Dott. George Hyzler
Is-Sur Joseph Muscat
Is-Sinj. Mary Anne Pulè
Is-Sur Philip Saunders
Is-Sur Iain Tonna
Is-Sur Tony Zahra
Is-Sinj. Veronica Zammit Tabona

Il-21 ta' Frar, 2012

No. 159

MALTA TOURISM AUTHORITY

IN terms of Article 3 of the Malta Travel and Tourism Services Act (Cap. 409), the Minister for Tourism, Culture and the Environment has appointed the following as Chairman and Members of the Malta Tourism Authority for the period from 1st January, 2012 to 31st December, 2012.

Chairman
Mr Ray Fenech

Members
Mr Alan Borg
Mr Philip Fenech
Dr George Hyzler
Mr Joseph Muscat
Ms Mary Anne Pulè
Mr Philip Saunders
Mr Iain Tonna
Mr Tony Zahra
Ms Veronica Zammit Tabona

21st February, 2012

Nru. 160

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
21. 02. 2012	€42.684	€0.847

Il-21 ta' Frar, 2012

No. 160

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

21st February, 2012

Nru. 161

KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'CHENNAI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lis-Sur Thangamuthu Pillai Shantakumar bħala Konslu Onorarju ta' Malta f'Chennai, b'ġurisdizzjoni fuq South India li jinkludi l-istati ta' Tamil Nadu, Andhra Pradesh Karnataka and Kerala.

L-indirizz tal-Konsolat huwa li ġej:-
10, II Street, Seethamal Colony
Alwarpet, Chennai 600 018,
India

Numru tat-Telefon: +91 44 4203 1011
Numru tal-*Fax:* +91 44 4208 1011

Indirizz elettroniku: maltaconsul.chennai@gov.mt

Il-21 ta' Frar, 2012

No. 161

HONORARY CONSUL FOR MALTA IN CHENNAI

It is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Mr Thangamuthu Pillai Shantakumar, as Honorary Consul for Malta in Chennai, with jurisdiction over South India comprising the states of Tamil Nadu, Andhra Pradesh Karnataka and Kerala.

The Consulate is situated at:
10, II Street, Seethamal Colony
Alwarpet, Chennai 600 018,
India

Telephone Number: +91 44 4203 1011
Fax Number: +91 44 4208 1011

Email: maltaconsul.chennai@gov.mt

21st February, 2012

Nru. 162

KONSLU ONORARJU TAL-VJETNAM F'MALTA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam ħatar lis-Sur Peter Formosa bħala Konslu Onorarju tal-Vjetnam f'Malta.

L-indirizz tal-Konsolat huwa li ġej:-
Vinci Group Ltd
81,Vinci Buildings
B Bontadini Street
Birkirkara BKR 1732

Numru tat-Telefon: 2069 1053
Numru tal-*Fax:* 2131 7933

Indirizz elettroniku: peter.formosa@vincigroup.net

Il-21 ta' Frar, 2012

No. 162

HONORARY CONSUL OF VIETNAM IN MALTA

IT is hereby notified for general information that the Government of the Socialist Republic of Vietnam has appointed Mr Peter Formosa as Honorary Consul for Vietnam in Malta.

The Consulate is situated at:
Vinci Group Ltd
81, Vinci Buildings
B Bontadini Street
Birkirkara BKR 1732

Telephone Number: 2069 1053
Fax Number: 2131 7933

Email address: peter.formosa@vincigroup.net

21st February, 2012

Nru. 163

KONSLU ĠENERALI ONORARJU TAL-POLONJA F'MALTA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ħatar lis-Sur Stephen Parnis England bħala Konslu Ġenerali Onorarju tal-Polonja f'Malta.

L-indirizz tal-Konsolat huwa li ġej:-
60, South Street,
Valletta VLT 1103

Numru tat-Telefon: 2124 4306, 2123 4059, 2123 3689
Numru tal-*Fax:* 2123 3093

Indirizz elettroniku: stephen@wjpe.com

Il-21 ta' Frar, 2012

No. 163

HONORARY CONSUL GENERAL OF POLAND IN MALTA

IT is hereby notified for general information that the Government of Poland has appointed Mr Stephen Parnis England as Honorary Consul General for Poland in Malta.

The Consulate is situated at:
60, South Street,
Valletta VLT 1103

Telephone Numbers: 2124 4306, 2123 4059, 2123 3689
Fax Number: 2123 3093

Email address: stephen@wjpe.com

21st February, 2012

Nru. 164

KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'HO CHI MINH CITY

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lis-Sur Huynh Trung Nam bħala Konslu Onorarju ta' Malta f'Ho Chi Minh City, b'ġurisdizzjoni fuq iż-żona ta' Ho Chi Minh City (żona urbana u tal-madwar).

L-indirizz tal-Konsolat huwa li ġej:-
12th Floor – Petro Vietnam Tower,
5 Le Duan st.,
District 1,
Ho Chi Minh City,
Vietnam

Numru tat-Telefon: 00848 54046868
Numru tal-*Fax:* 00848 5404 6969

Indirizz elettroniku: maltaconsul.hochiminh@gov.mt

Il-21 ta' Frar, 2012

No. 164

HONORARY CONSUL FOR MALTA IN HO CHI MINH CITY

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Mr Huynh Trung Nam as Honorary Consul for Malta in Ho Chi Minh City, with jurisdiction over the area of Ho Chi Min City (urban and surrounding area).

The Consulate is situated at:
12th Floor – Petro Vietnam Tower,
5 Le Duan st.,
District 1,
Ho Chi Minh City,
Vietnam

Telephone Number: 00848 54046868
Fax Number: 00848 5404 6969

Email address: maltaconsul.hochiminh@gov.mt

21st February, 2012

Nru. 165

KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'KORFÙ

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lis-Sur Spyridon Gaoutsis bħala Konslu Onorarju ta' Malta f'Korfù, b'ġurisdizzjoni fuq il-gżira ta' Korfù.

L-indirizz tal-Konsolat huwa li ġej:-
Alexandrou Panagouli Str. 11
49100 Corfu
Greece

Numru tat-Telefon: 0030 26610 39357
Numru tal-*Fax:* 0030 2661039230

Indirizz elettroniku: maltaconsul.corfu@gov.mt

Il-21 ta' Frar, 2012

No. 165

HONORARY CONSUL FOR MALTA IN CORFU

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Mr Spyridon Gaoutsis as Honorary Consul for Malta in Corfu, with jurisdiction over the island of Corfu.

The Consulate is situated at:-
Alexandrou Panagouli Str. 11
49100 Corfu
Greece

Telephone Number: 0030 26610 39357
Fax Number: 0030 26610 39230

Email address: maltaconsul.corfu@gov.mt

21st February, 2012

Nru. 166

KONSLU ĠENERALI ONORARJU TAL-LITWANJA F'MALTA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja ħatar lis-Sur Anthony G. Zahra bħala Konslu Ġenerali Onorarju tal-Litwanja f'Malta.

L-indirizz tal-Konsolat huwa li ġej:-
40, Alpine House
Naxxar Road,
San Ġwann SGN 9032

Numru tat-Telefon: 2576 0000
Numru tal-*Fax:* 2138 3296

Indirizz elettroniku: tony.zahra@alpinemalta.com

Il-21 ta' Frar, 2012

No. 166

HONORARY CONSUL GENERAL OF LITHUANIA IN MALTA

IT is hereby notified for general information that the Government of the Republic of Lithuania has appointed Mr. Anthony G. Zahra as Honorary Consul General for Lithuania in Malta.

The Consulate is situated at:
40, Alpine House
Naxxar Road,
San Ġwann SGN 9032

Telephone Number: 2576 0000
Fax Number: 2138 3296

Email address: tony.zahra@alpinemalta.com

21st February, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 12

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Qrendi

Nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu, 2012 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Warda, Ħal Manin, l-Aragoniżi, il-Kastiljani, il-Warda, Santa Katarina, il-Kbira, R. Buhagiar u Pjazza tal-Knisja

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu, 2012 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, il-Kbira, is-Suq sal-Pjazza tal-Knisja.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu, 2012 mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: P.P. Saydon, Pjazza Mattia Preti, il-Ħaddiema, l-Inġiniera, il-Kbira u Pjazza tal-Knisja.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Frar, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant (Public Health with an interest in Emergency Preparedness)* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

B'riferenza għas-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-Post ta' *Consultant (Public Health) with an Interest in Emergency Preparedness* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,867 tad-9 ta' Frar 2012 ngħarrfu li l-paragrafu 4.1 għandu jinqara kif ġej:

"4.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant (Public Health) with an interest in Emergency Preparedness* tifforma parti mis-Sovritendenza tas-Saħħa Pubblika. Hi tkun mistennija li taħdem mill-qrib mal-kollegi l-oħra tagħha u taqa' taħt is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika. Il-persuna maħtura tkun mistennija li tipprovdi l-kura klinika kollha fil-qasam

POLICE NOTICE

No. 12

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Qrendi

On Friday, 16th March, 2012 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: il-Warda, Ħal-Manin, l-Aragoniżi, il-Kastiljani, il-Warda, Santa Katarina, il-Kbira, R. Buhagiar and Pjazza tal-Knisja.

On Friday, 30th March, 2012 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: il-Parroċċa, il-Kbira, is-Suq to Pjazza tal-Knisja.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Żurrieq

On Friday, 30th March, 2012 from 2.00 p.m. onwards through the following streets: P.P. Saydon, Pjazza Mattia Preti, il-Ħaddiema, l-Inġiniera, il-Kbira and Pjazza tal-Knisja.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

21st February, 2012

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant (Public Health with an interest in Emergency Preparedness) within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

With reference to the call for applications issued in the Government Gazette No. 18,867 of 9th February 2012 for the filling of the post of Consultant (Public Health with an interest in Emergency Preparedness) within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care, kindly note that paragraph 4.1 is to read as follows:

"4.1. The Consultant (Public Health) with an interest in Emergency Preparedness will form part of the Superintendence of Public Health. He/she will be expected to liaise closely with the rest of his/her colleagues and be directly accountable to the Superintendent of Public Health. The appointee will be expected to provide all clinical care

tal-ispeċjalità tagħha skont l-i*standards* tal-kwalità tal-professjoni. Il-persuna maħtura tkun mistennija li tieħu sehem fl-attivitajiet tas-Sovritendenza tas-Saħħa Pubblika, li tipparteċipa fil-programmi ta' tagħlim u riċerka tiegħu, li tattendi regolarment għall-laqgħat kliniċi u li tieħu sehem fil-proċess ta' *quality assurance* u *audit* li qed jiġi introdott fis-servizz."

Il-21 ta' Frar, 2012

within the remit of the specialty in accordance with quality standards of the profession. The appointee will be expected to take part in the activities of the Superintendence of Public Health, to participate in its teaching and research programmes, to attend regularly at clinical meetings and to partake in the process of quality assurance and audit that is being instituted within the service."

21st February, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Chief Scientific Officer Prosthetist/Orthotist* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Chief Scientific Officer Prosthetist/Orthotist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Chief Scientific Officer* għandu salarju ta' €22,144 fis-sena li jiżdied €640.67 fis-sena sa massimu ta' €25,958 (Skala ta' Salarju 5).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mnizzlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

5. Il-persuna fil-grad ta' *Chief Scientific Officer Prosthetist/Orthotist* tkun taqa' direttament taħt il-Kap Eżekuttiv tal-Isptar li jieħu ħsieb ir-Rijabilitazzjoni.

6.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Chief Scientific Officer (Prosthetist/Orthotist)* jinkludu:

(a) l-immaniġġar u l-monitoraġġ tal-funzjonijiet, attivitajiet u proġetti operattivi u amministrattivi tal-*Orthotics and Prosthetics Unit (OPU)*, fir-*Rehabilitation Hospital Karin Grech*;

(b) li sservi bħala *team leader* għall-istaff tal-*Prosthetics and Orthotics* u tipprovdi *leadership* kliniku

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Chief Scientific Officer Prosthetist/Orthotist in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the post of Chief Scientific Officer Prosthetist/Orthotist in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2. The post of Chief Scientific Officer carries a salary of €22,144 per annum rising by annual increments of €640.67 up to a maximum of €25,958 (Salary Scale 5).

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

5. The Chief Scientific Officer Prosthetist/Orthotist shall be directly accountable to the CEO of the Rehabilitation Hospital.

6.1 The duties of a Chief Scientific Officer (Prosthetist/Orthotist) include:

(a) management and supervision of the operative and administrative functions, activities and projects of the Orthotics and Prosthetics Unit (OPU), Rehabilitation Hospital Karin Grech;

(b) to act as a team leader for Prosthetic and Orthotic staff, providing clinical and operational leadership in order

u operattiv sabiex iżżomm servizz prostetiku/ortotiku ta' kwalità għolja;

(c) tiżgura l-provvediment ta' kura ortotika u prostetika ta' livell avvanzat għall-pazjenti bi preżentazzjonijiet kumplessi;

(d) tiżgura l-provvediment ta' kura ortotika/prostetika ta' rutina lill-pazjenti. Din tinvolvi kejl, disinn, manifattura, kostruzzjoni, *casting*, *fitting*, *alignment* u tiswija ta' strumenti prostetiċi u ortotiċi.

6.2. Persuna fil-grad ta' *Chief Scientific Officer (Prosthetist/Orthotist)* mistennija li żżomm *caseload*.

6.3. Persuna fil-grad ta' *Chief Scientific Officer (Prosthetist/Orthotist)* għandha tiżgura li x-xogħol isir fi sħubija ma' diversi *teams* multidixxiplinarji.

6.4. *Prosthetics* u *Orthotics* huma professjonijiet li huma alleati tas-saħħa. *Prosthetists* u *Orthotists* huma membri importanti ta' *teams* tar-rijabilitazzjoni interprofessjonali.

6.5. Il-*Prosthetists* huma responsabbli biex jagħtu parir u jipprovdu sieq jew id artifiċjali, wara xi amputazzjoni kkawżata minn mard, jew xi inċident jew xi abnormalità li tkun ġejja mit-twelid.

6.6. *Orthotists* jiddissinjaw, jiżviluppaw, ikejlu u joħolqu *orthoses* li huma tip ta' apparat li jintlibes biex iwieżen jew jgħin lill-ġisem jew parti minnu, biex jagħmel tajjeb għal dgħajfien jew paraliżi fil-muskoli, jew inkella biex jikkoreġi xi diformità jew anormalità fil-ġisem. L-*Orthotist* jikkrea apparat li bih wieħed jgħin biex itaffi l-uġigħ jew biex jippreveni t-tkomplija ta' xi diformità.

6.7. *Prosthetists*/*Orthotists* jistudjaw l-anatomija, fiżjoloġija u l-patoloġija tal-ġisem kif ukoll il-psikoloġija tal mard. Iridu jistudjaw ukoll ix-xjenza relatata mal-materjali li jintużaw, fil-*biomechanics* u fuq il-komponenti differenti li jintużaw biex jiġi mmuntat l-apparat meħtieġ, ħalli jiżguraw prattiċi siguri u effettivi.

6.8. *Prosthetists*/*Orthotists* jimmaniġġaw il-ħtiġiet tal-*Prosthetic* u *Orthotic* tal-adulti u t-tfal. Fiċ-ċirkostanzi kollha, il-*Prosthetist*/*Orthotist* jimmira biex iqabbel l-apparat u l-bżonnijiet ta' kull pazjent individwali, biex kemm jista' jkun, l-individwu jkun jista' jgawdi kwalità ta' ħajja aħjar.

6.9. Persuna fil-grad ta' *Chief Scientific Officer (Prosthetist/Orthotist)* tkun mistennija li twettaq dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

6.10. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

to maintain a high quality prosthetic/orthotic service;

(c) ensuring the provision of advanced level orthotics and prosthetic care for patients with complex presentations;

(d) ensuring the provision of routine orthotic/prosthetic care to patients. This involves measurement, design, manufacture, construction, casting, fitting, alignment and repair of prosthetic and orthotic devices.

6.2. The Chief Scientific Officer Prosthetist/Orthotist is expected to hold a caseload.

6.3. The Chief Scientific Officer Prosthetist/Orthotist should ensure work in partnership with various multidisciplinary teams.

6.4 Prosthetics and Orthotics are professions allied to health. Prosthetists and Orthotists are important members of interprofessional rehabilitation teams.

6.5. Prosthetists are concerned with the replacement of a patient's limb after amputation caused by disease, trauma or congenital abnormality.

6.6. Orthotists design, develop, fit and manufacture orthoses which are devices that support a patient's body or limb to compensate for muscle weakness or paralysis or to correct musculoskeletal deformities and/or abnormalities of the human body. Orthotists also create devices that provide relief of pain or prevent deformities from progressing.

6.7. Prosthetists/Orthotists study the anatomy, physiology and pathology of the human body together with the psychology of illness and disease. They also study the sciences of materials engineering, biomechanics and the diverse components from which devices are made to ensure safe and effective clinical practice.

6.8. Prosthetists/Orthotists manage the prosthetic and orthotic needs of adults and children. In all situations, the Prosthetist/Orthotist aims to control and manage the interaction between the devices and the individual patient in a bid to enhance or maintain the individual's quality of life.

6.9. The Chief Scientific Officer Prosthetist/Orthotist will be expected to carry out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

6.10. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

7. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq;

JEW

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir kif meħtieġ tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

7. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta; or

OR

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii);

OR

(v) third country nationals who have been granted long term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) ikollhom jew ikunu approvati biex jingħataw *first degree* rikonoxxuta fil-*Prosthetics and Orthotics* jew kwalifika rikonoxxuta, adatta u komparabbli;

d) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fil-grad sostantiv ta' *Principal Scientific Officer*;

JEW

ikunu Uffiċjali Pubblici fil-grad ta' *Senior Scientific Officer* u jkollhom xi kwalifiki xierqa ta' wara l-gradwazzjoni;

JEW

Persuni li jkollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni (per eżempju Ph.D. jew kwalifika oħra komparabbli xierqa);

e) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak speċifikat hawn fuq jiu aċċettati għal skopijiet ta' eliġibbiltà, kemm-il darba jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat;

f) B'żieda ma' dan, il-kandidati li għadhom ma kisbux formalment il-kwalifiki msemmija hawn fuq jiġu kkunsidrati, kemm-il darba jissottomettu evidenza li ġew approvati biex jingħataw il-kwalifiki msemmija sad-data u l-ħin ta' meta jagħlqu l-applikazzjonijiet;

g) Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'paragrafu 7c u d għandhom esperjenza rilevanti ppruvata.

h) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom

c) be in possession of or have been approved for the award of a recognized first degree in Prosthetics and Orthotics or a recognized, appropriate, comparable qualification;

d) be Public Officers in the substantive grade of Principal Scientific Officer;

OR

Public Officers in the grade of Senior Scientific Officer in possession of an appropriate post-graduate qualification;

OR

Persons in possession of an appropriate higher post-graduate qualification (e.g. Ph.D. or other appropriate comparable qualification);

e) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements;

f) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications;

g) Due consideration will be given to applicants who, in addition to satisfying the requirements in paragraph 7c and d, have proven relevant work experience;

h) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant

ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' min japplika mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati minn min japplika għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità u tkun ikkupjata lill-KNPD.

documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry of Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3. a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

9.3. a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment/direttorat fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f' sub-paragrafu (b) hawn fuq.

(c)Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hi adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP 47)* jintlaqgħu primarjament mil-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità), 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu, 2012.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' email, fax jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Marzu, 2012, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) filwaqt li n-numri tal-*fax* tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani huma +356-2122 6285 u +356 - 2123 5890.

15.1 Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) 6, Sqaq Harper, Floriana.

15.2 Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) 6, Sqaq Harper, Floriana jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Frar, 2012

10.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working (10) days from the date of the result.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

13. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th March, 2012.

14. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 16th March 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is recruitmenthealth.mhec@gov.mt while the fax numbers of the Directorate of Human Resources are +356 – 2122 6285 and +356 - 2123 5890.

15.1 Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

15.2 Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana within seven (7) days.

21st February, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Radiotherapy and Oncology* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Radiotherapy and Oncology* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-ħatra tkun skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv bejn il-Gvern u l-*Union*.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata trid tagħżel bejn kuntratt A jew B mal-ħatra tagħha. Hi tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant (Radiotherapy and Oncology)* tifforma parti mid-Dipartiment tal-*Haematology and Oncology*. Hi tkun mistennija li taħdem mill-qrib mal-kollegi l-oħra tagħha u taqa' taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-*Haematology and Oncology*. Il-persuna maħtura tkun mistennija li tipprovdi l-kura klinika kollha fil-qasam tal-ispeċjalità tagħha skont l-i*standards* tal-kwalità tal-professjoni. Il-persuna maħtura tkun mistennija li tieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartment tal-*Haematology and Oncology*, li tipparteċipa fil-programmi ta' tagħlim u riċerka tiegħu, li tattendi regolarment għal-laqgħat kliniċi u li tieħu sehem fil-proċess ta' *quality assurance* u *audit* li qed jiġu introdotti fis-servizz.

4.2. Il-persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li tipprovdi servizzi speċjalizzati fi sptarijiet oħra u/jew f'ċentri tas-saħħa skont programmi approvati, u tista' wkoll tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizzi tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

4.3. Il-persuna maħtura tkun mistennija li żżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi kurrenti fil-qasam tal-*Radiotherapy*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Radiotherapy and Oncology in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Consultant Radiotherapy and Oncology in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2. The appointment shall be made in accordance with the provisions of the collective agreement between Government and the Union.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee shall choose between contract types A or B on his/her appointment. He/She will be entitled to such benefits and subject to such conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

10.3. a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment/direttorat fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f' sub-paragrafu (b) hawn fuq.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

11.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11.2. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Joħroġ ukoll avviż fil-media lokali.

11.3. Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Ir-rizultat jista' jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt).

11.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

13. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, Floriana.

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu, 2012.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email, fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Marzu 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa: (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) filwaqt li n-numri tal-*fax* tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani huma +356-2122 6285 u +356 - 2123 5890.

11.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette. A press notice will also be issued to all local media organizations.

11.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. Furthermore, the result may also be viewed on the Public Service Commission's website where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt).

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

12. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

14. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th March, 2012.

15. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 16th March 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is: (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) while the fax numbers of the Directorate of Human Resources, Ministry for Health, the Elderly and Community Care are +356 – 2122 6285 and +356 – 2123 5890.

16.1 Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) 6, Sqaq Harper, Floriana.

16.2 Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) 6, Sqaq Harper, Floriana jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Frar, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Radiologist*
fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani
u Kura fil-Komunità

Din is-sejħa għall-applikazzjonijiet tieħu post dik ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta' Jannar 2012. Dawk li diġà applikaw għall-imsemmija sejħa maħruġa fil-31 ta' Jannar 2012 m'għandhomx għalfejn jerġgħu japplikaw.

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Consultant Radiologist* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-ħatra tkun skont il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv bejn il-Gvern u l-*Union*.

3.1 Il-ħatra hija li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata trid tagħżel bejn kuntratt A jew B mal-ħatra tagħha. Hi tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Radiologist* tifforma parti mid-Dipartiment tal-*Medical Imaging*. Hi tkun mistennija li taħdem mill-qrib mal-kollegi l-oħra tagħha u taqa' taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-*Medical*

16.1 Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

16.2 Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana within seven days.

21st February, 2012

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Radiologist
in the Ministry for Health, the Elderly
and Community Care

This call for applications supersedes the one published in the Government Gazette of 31st January 2012. However, those who have already applied in terms of the said call for applications of 31st January 2012 need not re-apply.

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Consultant Radiologist in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2. The appointment shall be made in accordance with the provisions of the collective agreement between Government and the Union.

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee shall choose between contract types A or B on his/her appointment. He/She will be entitled to such benefits and subject to such conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4.1. The Consultant Radiologist will form part of the Department of Medical Imaging. He/she will be expected to liase closely with the rest of his/her colleagues and be directly accountable to the Clinical Chairperson, Department of

Imaging. Il-persuna maħtura tkun mistennija li tipprovdi l-kura klinika kollha fil-qasam tal-ispeċjalità tagħha skont l-i*standards* tal-kwalità tal-professjoni. Il-persuna maħtura tkun mistennija li tieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartment tal-*Medical Imaging*, li tipparteċipa fil-programmi ta' tagħlim u riċerka tiegħu, li tattendi regolarment għal-laqgħat kliniċi u li tieħu sehem fil-proċess ta' *quality assurance* u *audit* li qed jiġi introdott fis-servizz.

4.2. Il-persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li tipprovdi servizzi speċjalizzati fi sptarijiet oħra u/jew f'ċentri tas-saħħa skont programmi approvati, u tista' wkoll tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizzi tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

4.3. Il-persuna maħtura tkun mistennija li żżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi kurrenti fil-qasam tal-*Medical Imaging* u tieħu sehem f'laqgħat *postgraduate* kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Hija tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha fl-edukazzjoni kontinwa ta' kollegi kliniċi fil-livelli kollha rigward l-użu xieraq tal-faċilitajiet kollha rilevanti.

4.4. Il-persuna maħtura tkun meħtieġa li tipparteċipa fix-xogħol tad-Dipartiment tal-*Medical Imaging* kif imqabbda mill-*Clinical Chairperson*.

4.5. Il-persuna maħtura tkun meħtieġa li tikkollabora ma' u tagħti pariri lil membri oħra tal-istaff mediku, kirurgu u paramediku dwar dak li jirrigwarda l-ispeċjalità msemmija.

4.6. Il-persuna maħtura tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha fis-superviżjoni ta' *junior staff*, kif ukoll ta' impjegati lokali jew barranin li jkunu qed jaħdmu fid-Dipartiment tagħha u taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni fir-rigward tagħhom.

4.7. Il-persuna maħtura tkun meħtieġa li tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ *undergraduate* u *postgraduate* kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

4.8. Il-persuna maħtura tkun trid twaqqaf mekkaniżmi xierqa għall-assigurazzjoni tal-kwalità tas-servizzi u ta' *medical audit*.

4.9. Meta l-persuna maħtura tkun il-*Consultant on call* tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skont l-esiġenzi tas-servizz.

4.10. Il-persuna maħtura jista' jkollha l-bżonn li taqsam ir-riżorsi ma' Konsulenti u *firms* eżistenti. Il-persuna maħtura għandha tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika (inkluż l-aspetti ta' iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikunu tal-ogħla livell possibbli.

4.11. Il-persuna maħtura tkun mistennija li taħdem *sessions* ta' wara nofsinhar.

Medical Imaging. The appointee will be expected to provide all clinical care within the remit of the specialty in accordance with quality standards of the profession. The appointee will be expected to take part in the activities of the Department of Medical Imaging, to participate in its teaching and research programmes, to attend regularly at clinical meetings and to partake in the process of quality assurance and audit that is being instituted within the service.

4.2. The appointee may be required to provide specialized services in other hospitals and/or health centres in accordance with approved programmes, and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

4.3. The appointee will be expected to keep abreast with the current developments in the field of Medical Imaging and participate in postgraduate meetings locally and abroad. He/She will be required to involve himself/herself in the on-going education of clinical colleagues at all levels with regard to the appropriate use of all relevant facilities.

4.4. The appointee will be required to participate in the work of the Department as assigned by the Clinical Chairperson of the Department of Medical Imaging.

4.5. The appointee will liaise with and advise other members of the medical, surgical and paramedical staff on matters pertaining to the speciality.

4.6. The appointee will be required to get involved in the supervision of junior staff, together with any other local or foreign visiting personnel, and ensure the implementation of a continuous training and education programme in their respect

4.7. The appointee will participate in under-graduate and postgraduate teaching and training as required and involve himself/herself in ongoing research programmes.

4.8. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

4.9. When the appointee is the Consultant on call he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service.

4.10. The appointee may be required to share resources with existing Consultants and firms. The appointee shall be responsible to ensure that discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

4.11. The appointee will be required to provide cover for afternoon sessions.

4.12. Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.13. Il-persuna maħtura tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

5.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq;

JEW

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir kif meħtieġ tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-

4.12. Any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

4.13. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

5.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta; or

OR

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii);

OR

(v) third country nationals who have been granted long term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment

każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

5.2. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ukoll:

(i) ikollhom isimhom imniżżel fl-i*Specialist Register* tar-*Radiology* miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(ii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fl-i*Specialist Register* tal-Radiology miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(iii) (a) ikollhom *Certificate of Completion of Training (CCT)* maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta għall-professjoni relevanti li jindika li l-applikant temm it-taħriġ speċjalizzat li jista' jkun preskritt għall-ispeċjalità rilevanti; jew

(b) ikollhom kwalifika ta' speċjalista ekwivalenti għas-CCT għall-ispeċjalità rilevanti, li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

(c) ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist fuq kundizzjoni li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza miksuba huma suffiċjenti sabiex tabib ikun reġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalista fir-*Radiology*.

5.3. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ukoll ikollhom sentejn esperjenza *full-time* bħala Speċjalisti fir-*Radiology*. Qed jiġi ċċarat li l-esperjenza bħala Speċjalista titqies li ma tibdiex qabel id-data tar-Reġistrazzjoni fl-i*Specialist Register* miżmumi mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew Reġistrazzjoni ekwivalenti li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropeja. Qed jiġi ċċarat ukoll li meta l-esperjenza tkun miksuba fuq bażi *part-time* jew fuq inqas minn 40 siegħa fil-ġimgħa, din tkun rikonoxxuta fuq bażi *pro-rata*.

5.4. L-applikanti għandhom ukoll ikunu ta' karattru morali tajjeb sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-

licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

5.2. By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore:

(i) be listed in the Specialist Register of Radiology kept by the Medical Council of Malta; or

(ii) be approved for inclusion in the Specialist Register of Radiology kept by the Medical Council of Malta; or

(iii) (a) be in possession of a certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for Radiology; or

(b) be in possession of a specialist qualification equivalent to the CCT for the relevant speciality, which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part Ib of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

(c) be in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Radiology.

5.3. By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore have two years full-time experience as a specialist in Radiology. It is hereby being clarified that specialist experience will be deemed not to commence prior to the date of registration in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta, or equivalent registration issued by the competent authority in another EU Member State. It is furthermore being clarified that experience carried out on a part-time basis, or in any case on a basis of less than 40 hours per week, is reckoned on a pro-rata basis.

5.4. Applicants must furthermore be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and

Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji.

5.5. L-applikanti magħżula li jkunu eliġibbli taħt paragrafu 5.2. (ii) u paragrafu 5.2. (iii) hawn fuq iridu jkunu mniżżlin fl-i*Specialist Register* miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

5.6. Dawk il-kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 5.2. (iii) (b) u paragrafu 5.2. (iii) (c) hawn fuq, iridu jiksbu ittra ta' rikinoxximent mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki miksuba jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għas-*Certificate of Completion of Training (CCT)* maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta. F'każ ta' diffikultà, il-parir tal-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta għandu jkun mitlub.

Wieħed jista' jikkonsulta l-*website* tal-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta fuq:

https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx

5.7. Dawk il-kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 5.2. (iii) (b) u paragrafu 5.2. (iii) (c), u li jkunu jridu jippreżentaw dikjarazzjoni mill-i*Specialist Accreditation Committee* kif mitlub fil-paragrafu 5.6, għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li ma jkunux fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissottomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif din tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u f'ebda ċirkustanza mhux aktar tard minn xahar tad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lil kap tad-dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għall-estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu, għandhom jiġu sottomessi għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

5.8. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'paragrafi 5.1. sa 5.7., għandhom esperjenza rilevanti ippruvata.

6.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li m'għandhomx is-sentejn esperjenza *full-time* bħala speċjalisti fil-*Radiology* kif indikat f'paragrafu 5.3 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħrajn. Jekk ħadd mill-kandidati ma jissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5.3., dan l-istess paragrafu jkun ikkunsidrat bħala rtirat għall-kandidati kollha. Iżda, jekk saħansitra wieħed/

state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

5.5. Successful candidates eligible under paragraph 5.2.(ii) and paragraph 5.2.(iii) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta before appointment.

5.6. Candidates applying in terms of paragraph 5.2.(iii)(b) and paragraph 5.2.(iii)(c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at:

https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx

5.7. Candidates who are applying in terms of paragraph 5.2.(iii)(b) or paragraph 5.2.(iii)(c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 5.6, should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and, in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

5.8. Due consideration will be given to applicants who, in addition to satisfying the requirements in paragraphs 5.1. to 5.7., have proven relevant work experience.

6.1 Applications will also be considered from candidates who are not in possession of two years full-time experience as specialists in Radiology as indicated in 5.3. above provided they satisfy the other requirements. If none of the candidates satisfies the provisions of paragraph 5.3. then the said paragraph will be considered as waived for all candidates. If, however, even only one candidate satisfies

waħda mill-kandidati jissodisfa/tissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5.3, din l-istess kundizzjoni tintalab mingħand l-applikanti l-oħra kollha.

6.2 Fejn ĦADD mill-applikanti ma jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà skont il-paragrafu 5.2., il-Bord tal-Għażla jista' jikkonsidra applikazzjonijiet minn kandidati li huma mistennija li jkunu f'pożizzjoni li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5.2. fi żmien disa' (9) xhur mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Jekk jintagħżlu u qabel ma jinħatru, dawn l-applikanti għandhom jippreżentaw evidenza dokumentata li kkonformaw kompletament mal-kriterji ta' eliġibbiltà fil-paragrafu 5.2. mhux iktar tard minn disa' (9) xhur mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Jekk din l-evidenza dokumentata ma tkunx miġjuba fil-perijodu stabbilit, il-persuna prospettivament maħtura tkun ikkunsidrata li ma tkunx issodisfat ir-rekwiżiti kollha kif speċifikat fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħab'dokumentirelevantilijinkludu evidenzadokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra,

the provisions of paragraph 5.3. then such provisions will be required also from all other candidates.

6.2 Where NONE of the applicants fulfil the eligibility criteria in paragraph 5.2., the Selection Board may consider applications from candidates who are expected to be in a position to satisfy the provisions of paragraph 5.2. within nine (9) months from the closing date of the call for applications. If selected and before being appointed, such applicants must present documentary evidence that they have complied fully with the eligibility criteria in paragraph 5.2 not later than nine (9) months from the closing date of the call for applications. If such documentary evidence is not produced within the established period, then the prospective appointee shall be considered as not having satisfied all the requisites as specified in the call for applications.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry of Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8..3. a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated

skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment/direttorat fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f' sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, Floriana.

authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Marzu, 2012.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email, fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Marzu 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa: (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) filwaqt li n-numri tal-*fax* tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani huma +356-2122 6285 u +356 - 2123 5890.

14. Tingħata irċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Frar, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Speech Therapist*
fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani
u Kura fil-Komunità

Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Speech Therapist* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1 Il-post ta' *Speech Therapist* għandu salarju ta' €14,113 fis-sena li jiżdied b'€354.00 fis-sena sa massimu ta' €16,237 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* tiġi promossa fil-grad ta' *Senior Speech Therapist* fi Skala ta' Salarju 10 €15,972 fis-sena li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €18,418 wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

12. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 9th March, 2012.

13. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 9th March 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is: (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) while the fax numbers of the Directorate of Human Resources are +356 – 2122 6285 and +356 – 2123 5890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate of Human Resources, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Directorate of Human Resources, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, within seven (7) days.

21st February, 2012

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Speech Therapist
in the Ministry for Health, the Elderly
and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the filling of post of Speech Therapist in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2.1 The post of Speech Therapist carries a salary of €14,113 per annum rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €16,237 (Salary Scale 12). A Speech Therapist will be promoted to the grade of Senior Speech Therapist in Salary Scale 10 €15,972 per annum rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €18,418 on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fl-i*Speech Therapy* titqiegħed fi Skala ta' Salarju 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skont liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala ta' Salarju 9 b'salarju ta' €16,994 fis-sena li jiżdied b' €447.33 fis-sena sa massimu ta' €19,678 meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Speech Therapist* wara sentejn servizz fil-grad ta' *Speech Therapist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* jinkludu:

a) tipprovdi servizzi kliniċi rigward *Speech Therapy;*

b) tassessja u tikkura pazjenti bi problemi ta' komunikazzjoni kif ikunu allokati minn *staff* anzjan;

c) iżżomm *records* eżatti skont il-*policies* u l-proċeduri tad-Dipartiment;

d) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

e) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section*, (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, Floriana.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE

2.2. A Speech Therapist in possession of a recognised degree in Speech Therapy will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Speech Therapist will progress to Scale 9 €16,994 per annum rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €19,678 on completion of two years service as graduate Speech Therapist. A graduate Speech Therapist will be promoted to Senior Speech Therapist on completion of two years service in the grade of Speech Therapist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Speech Therapist include:

a) provision of clinical services with regard to Speech Therapy;

b) assessment and treatment of patients with communication problems as allocated by senior staff;

c) keeping of accurate records in accordance with departmental policies and procedures;

d) any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

e) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta; or

OR

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty

u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq;

JEW

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw *status* ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "*Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir kif meħtieġ tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

c) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Speech Language Pathologist* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux

provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii);

OR

(v) third country nationals who have been granted long term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Speech Language Pathologist with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for

aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li se jiggradwaw fi *Speech Language Pathology* sal-aħħar ta' Diċembru 2012 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a), (b) u (d). Jekk jintagħżlu dawn il-kandidati jridu juru ċ-Ċertifikat ta' reġistrazzjoni indikat f'paragrafu 5(c) qabel ma jingħataw il-ħatra.

6.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'paragrafu 5(c), għandhom esperjenza rilevanti ppruvata.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' min japplika mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati minn min japplika għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni

applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1. Applications will also be considered from candidates who will be graduating in Speech Language Pathology by the end of December 2012 provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5(a), (b) and (d). If selected, such candidates must produce the Certificate of registration indicated in paragraph 5(c) before appointment.

6.2. Due consideration will be given to applicants who, in addition to satisfying requirements in paragraph 5 (c), have proven relevant work experience.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry of Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the

tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment/direttorat fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f' sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitnizzel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkuppjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Servie Commission where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all local media organizations.

9.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu, 2012.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email, fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Marzu 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa: (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) filwaqt li n-numri tal-*fax* tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, huma +356-2122 6285 u +356 - 2123 5890.

14.1 Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) 6, Sqaq Harper, Floriana.

14.2 Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita) 6 Sqaq Harper, Floriana jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Frar, 2012

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

12. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th March, 2012.

13. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 16th March 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is: (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) while the fax numbers of the Directorate of Human Resources, Ministry for Health, the Elderly and Community Care are +356 – 2122 6285 and +356 - 2123 5890.

14.1 Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

14.2 Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana within seven (7) days.

21st February, 2012

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

***Resident Academic Post* (*TR4*) fil-Psikjatrija**
Dipartiment tal-Psikjatrija
Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post ta' *Resident Academic (TR4)* fil-Psikjatrija fid-Dipartiment tal-Psikjatrija fil-Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija tal-Università ta' Malta. Il-ħatra tkun fuq bażi indefinita, soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena, sal-età statutorja tal-irtirar.

Min jinħatar ikun mistenni li jiddedika erba' sessjonijiet fil-ġimgħa għat-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fid-Dipartiment tal-Mediċina fil-Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

Il-kandidati jrid ikollhom Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażat fuq ir-riċerka rilevanti fil-Mediċina jew ekwivalenti.

Ir-*Resident Academic Stream* hija magħmula minn erba' gradi, li huma l-Professur, Professur Assoċjat, Lettur Anzjan u l-Lettur. Il-grad tal-Lettur jew ogħla tingħata lil dawk il-persuni li għandhom il-Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażat fuq ir-riċerka bi gwidi stretti stabbiliti mill-Università.

Is-salarji għall-2012 marbuta ma' dawn il-gradi fir-*Resident Academic Stream* huma kif ġej:

Professur €16,478 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €9,626 u *Professorial Allowance* ta' €924

Professur Assoċjat €15,129 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €7,651 u *Professorial Allowance* ta' €564

Lettur Anzjan €13,694 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €5,551

Lettur €11,223 b'żidiet annwali ta' €282 sa €12,069 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €4,694

L-Universita' ta' Malta tipprovdi lill-istaff akkademiku b'riżorsi finanzjarji mill-*Academic Resources Fund* biex jissapportja l-iżvilupp professjonali u biex jipprovdi l-għodda u r-riżorsi meħtieġa mill-istaff akkademiku biex jissodisfa t-tagħlim u l-impenn tar-riċerka fi ħdan l-Università.

L-Università ta' Malta tista' taħtar kandidati promettenti u eċċezzjonali fi grad ta' Assistent Lettur, jekk ikunu lesti li jġibu l-kwalifiki neċessarji biex jidħlu fir-*Resident Academic Stream*. Dawn il-kandidati jkunu jew ġabu riżultati eċċezzjonali fil-livell tal-*undergraduate*, jew ikollhom diġà kwalifika fil-*Masters*, jew inkella jkunu diġà fil-pussess jew fil-proċess li jkollhom il-Ph.D.

UNIVERSITY OF MALTA

Resident Academic Post (TR4) in Psychiatry
Department of Psychiatry
Faculty of Medicine and Surgery

Applications are invited for a part-time (TR4) Resident Academic post in the Department of Psychiatry in the Faculty of Medicine and Surgery of the University of Malta. The appointment will be on an indefinite basis, subject to a one-year probationary period, up to statutory retirement age.

The appointee will be required to devote four sessions per week to the teaching, research and other activities of the Department of Psychiatry within the Faculty of Medicine and Surgery, and as may be required by the University.

Candidates must be in possession of a Ph.D. or a research based doctorate in Medicine or equivalent.

The Resident Academic Stream is composed of four grades, being Professor, Associate Professor, Senior Lecturer and Lecturer. Entry into the grade of Lecturer or above shall only be open to persons in possession of a Ph.D. or an equivalent research based doctorate within strict guidelines established by the University.

The annual salary for 2012 attached to the respective grades in the Resident Academic Stream at TR4 is as follows:

Professor €16,478 plus an Academic Supplement of €9,626 and a Professorial Allowance of €924

Associate Professor €15,129 plus an Academic Supplement of €7,651 and a Professorial Allowance of €564

Senior Lecturer €13,694 plus an Academic Supplement of €5,551

Lecturer €11,223 with an annual increment of €282 to €12,069 plus an Academic Supplement of €4,694

The University of Malta will provide academic staff with financial resources through the Academic Resources Fund to support continuous professional development and to provide the tools and resources required by an academic to adequately fulfil the teaching and academic research commitments within the University.

The University of Malta may also appoint promising and exceptional candidates into the grade of Assistant Lecturer, provided that they are committed to obtain the necessary qualifications to enter the Resident Academic Stream. Such candidates will either have achieved exceptional results at undergraduate level, be already in possession of a Masters qualification, or would have been accepted for or already in the process of achieving their Ph.D.

Assistent Lettur bil-*Masters* €10,469 b'żidiet annwali ta' €262 sa €11,255 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €1,853

Assistent Lettur €9,743 b'żidiet annwali ta' €234 sa €10,445 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €1,559

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda ta' ċertifikati u ismijiet u indirizzi (jew *e-mails*) ta' tliet *referees* f'dan l-indirizz. L-applikanti jistgħu jibagħtu *e-mail* bl-indirizz: (recruitment.hrmd@um.edu.mt).

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani
Kamru 214, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jintbagħtu permezz ta' *e-mail* bl-indirizz: (recruitment.hrmd@um.edu.mt).

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis, l-1 ta' Marzu, 2012.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Il-21 ta' Frar, 2012

Assistant Lecturer with Masters €10,469 with an annual increment of €262 to €11,255 and an Academic Supplement of €1,853

Assistant Lecturer €9,743 with an annual increment of €234 to €10,445 and an Academic Supplement of €1,559

Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses (or e-mails) of three referees to the following address:

Director, Human Resources Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications may also be sent by e-mail to: (recruitment.hrmd@um.edu.mt).

Applications should be received by noon of Thursday, 1st March, 2012

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 214, Administration Building, or from the website:(http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

21st February, 2012

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

***Resident Academic Post (TR4)* fil-Pedjatrija**
Dipartiment tal-Pedjatrija
Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-*part-time Resident Academic (TR4) post* fil-Pedjatrija fid-Dipartiment tal-Pedjatrija fil-Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija, tal-Università ta' Malta. Il-ħatra tkun fuq bażi indefinita, soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena, sal-età statutorja tal-irtirar.

Min jinħatar ikun mistenni li jiddedika erba' sessjonijiet fil-ġimgħa għat-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fid-Dipartiment tal-Pedjatrija fil-Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

Il-kandidati jrid ikollhom Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażat fuq ir-riċerka fil-Pedjatrija jew ekwivalenti.

Ir-*Resident Academic Stream* hija magħmula minn erba' gradi, li huma l-Professur, Professur Assoċjat, Lettur Anzjan u l-Lettur. Il-grad tal-Lettur jew oġħla tingħata lil dawk il-persuni li għandhom il-Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażat fuq ir-riċerka bi gwidi stretti stabbiliti mill-Università.

UNIVERSITY OF MALTA

Resident Academic Post (TR4) in Paediatrics
Department of Paediatrics
Faculty of Medicine and Surgery

Applications are invited for a part-time (TR4) Resident Academic post in the Department of Paediatrics in the Faculty of Medicine and Surgery of the University of Malta. The appointment will be on an indefinite basis, subject to a one-year probationary period, up to statutory retirement age.

The appointee will be required to devote four sessions per week to the teaching, research and other activities of the Department of Paediatrics within the Faculty of Medicine and Surgery, and as may be required by the University.

Candidates must be in possession of a Ph.D. or a research based doctorate in Paediatrics or equivalent.

The Resident Academic Stream is composed of four grades, being Professor, Associate Professor, Senior Lecturer and Lecturer. Entry into the grade of Lecturer or above shall only be open to persons in possession of a Ph.D. or an equivalent research based doctorate within strict guidelines established by the University.

Is-salarji marbuta għall-2012 marbuta ma' dawn il-gradi fir-*Resident Academic Stream* huma kif ġej:

Professur €16,478 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €9,626 u *Professorial Allowance* ta' €924

Professur Assoċjat €15,129 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €7,651 u *Professorial Allowance* ta' €564

Lettur Anzjan €13,694 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €5,551

Lettur €11,223 b'żidiet annwali ta' €282 sa €12,069 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €4,694

L-Università ta' Malta tipprovdi lill-istaff akkademiku b'riżorsi finanzjarji mill-*Academic Resources Fund* biex jissapportja l-iżvilupp professjonali u biex jipprovdi l-għodda u r-riżorsi meħtieġa mill-istaff akkademiku biex jissodisfa t-tagħlim u l-impenn tar-riċerka fi ħdan l-Università.

L-Università ta' Malta tista' taħtar kandidati promettenti u eċċezzjonali fi grad ta' Assistent Lettur, jekk ikunu lesti li jġibu l-kwalifiki neċessarji biex jidħlu fir-*Resident Academic Stream*. Dawn il-kandidati jkunu jew ġabu riżultati eċċezzjonali fil-livell tal-*undergraduate*, jew ikollhom diġà kwalifika fil-*Masters*, jew inkella ikunu diġà fil-pussess jew fil-proċess li jkollhom il-Ph.D.

Assistent Lettur bil-*Masters* €10,469 b'żidiet annwali ta' €262 sa €11,255 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €1,853

Assistent Lettur €9,743 b'żidiet annwali ta' €234 sa €10,445 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €1,559

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda ta' ċertifikati u ismijiet u indirizzi (jew *e-mails*) ta' tliet *referees* indirizzata kif ġej:

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikanti jistgħu wkoll jibagħtu *e-mail:* f'dan l-indirizz: (recruitment.hrmd@um.edu.mt).

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis, l-1 ta' Marzu, 2012.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Il-21 ta' Frar, 2012

The annual salary for 2012 attached to the respective grades in the Resident Academic Stream at TR4 is as follows:

Professor €16,478 plus an Academic Supplement of €9,626 and a Professorial Allowance of €924

Associate Professor €15,129 plus an Academic Supplement of €7,651 and a Professorial Allowance of €564

Senior Lecturer €13,694 plus an Academic Supplement of €5,551

Lecturer €11,223 with an annual increment of €282 to €12,069 plus an Academic Supplement of €4,694

The University of Malta will provide academic staff with financial resources through the Academic Resources Fund to support continuous professional development and to provide the tools and resources required by an academic to adequately fulfil the teaching and academic research commitments within the University.

The University of Malta may also appoint promising and exceptional candidates into the grade of Assistant Lecturer, provided that they are committed to obtain the necessary qualifications to enter the Resident Academic Stream. Such candidates will either have achieved exceptional results at undergraduate level, be already in possession of a Masters qualification, or would have been accepted for or already in the process of achieving their Ph.D.

Assistant Lecturer with Masters €10,469 with an annual increment of €262 to €11,255 and an Academic Supplement of €1,853

Assistant Lecturer €9,743 with an annual increment of €234 to €10,445 and an Academic Supplement of €1,559

Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses (or e-mails) of three referees. Applications may be sent by e-mail to recruitment.hrmd@um.edu.mt:

Director, Human Resources
Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applicants may also write an email addressed as follows: (recruitment.hrmd@um.edu.mt).

Applications should be received by noon of Thursday, 1st March, 2012.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

21st February, 2012

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Applikazzjonijiet għal *Childcare Assistants*
Permess tal-ETC Nru.: 119/2011
MPO Ref Nru.: /189/2005/03

Min japplika għandu jkollu l-*MCAST National Diploma in Children's Care, Learning and Development* jew l-*ETC Child Care Certificate* (0-5 snin) jew ekwivalenti u Ċertifikat validu tal-Ewwel Għajnuna.

Rigward il-kwalifiki ppreżentati għal dis-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa li jippreżentaw dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Kunsill ta' Malta dwar il-Kwalifiki, jew minn xi awtorità oħra kompetenti, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni u l-oriġinal jiġi pppreżentat fl-intervista.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li waslu biex ilestu l-kors dwar *childcare* (fi żmien sena kalendarja preżenti).

L-applikanti jinħtieġ li jkunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż.

Min japplika għandu jissottometti żewġ *character references* mal-applikazzjoni.

Job description dettaljata tinkiseb permezz ta' *email* indirizzata lil: (ray.v.fava@gov.mt).

L-applikazzjonijiet bl-*Europass CV* għandhom jaslu għand il-Fondazzjoni sal-Ġimgħa, it-2 ta' Marzu, 2012.

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati kif ġej:
Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi,
Attn: Is-Sur Ray Fava
P.O.Box 1, Rabat, RBT 1000

Tel: (+356) 2145 5600/7 *Fax*: (+356) 2145 5625

Tintbagħat irċevuti biss għal dawk l-applikazzjonijiet eliġibbli.

Il-21 ta' Frar, 2012

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Applications for Childcare Assistants
ETC Permit No.: 119/2011
MPO Ref No.: /189/2005/03

Applicants must be in possession of MCAST National Diploma in Children's Care, Learning and Development or ETC Child Care Certificate (0-5 years) or equivalent and a valid First Aid Certificate.

With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Applications are also invited from candidates who are nearing completion of their childcare course (within the current calendar year).

Applicants need to be able to communicate in Maltese and English languages.

All applicants are to submit two character references with the application.

A detailed job description can be obtained through email: (ray.v.fava@gov.mt).

Applications with Europass CV are to reach the Foundation by Friday, 2nd March, 2012.

Applications are to be addressed to:
Foundation for Educational Services,
Attn: Mr Ray Fava
P.O.Box 1, Rabat, RBT 1000

Tel: (+356) 2145 5600/7 Fax: (+356) 2145 5625

Only eligible applications will be acknowledged.

21st February, 2012

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ
U *STANDARDS* FL-EDUKAZZJONI (DKSE)

Riżultati tal-Intervisti għall-Postijiet fid-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE)

Id-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE) jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE), Floriana, fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta u fuq in-*notice-board* tal-Assistent Direttur tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:

Kap ta' Dipartiment għall-Primarja (Assessjar) u *(Literacy)*

Kap ta' Dipartiment (fis-Suġġett/Grupp ta' Suġġetti/ Qasam)

Il-21 ta' Frar, 2012

DIRECTORATE FOR QUALITY AND STANDARDS
IN EDUCATION (DQSE)

Results of Interviews for the Posts in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE)

The Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE) notifies that the result of the interviews for the undermentioned posts may be viewed on the notice-board of the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE), Floriana, on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta and on the notice-board of the Assistant Director of Education, Victoria, Gozo.

The posts are the following:

Head of Department for Primary (Assessment) and (Literacy)

Head of Department (in Subject/Group of Subjects/ Sector)

21st February, 2012

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom permezz tar-regolament 3 (1) tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), it-tqassim tad-dokumenti għall-votazzjoni għal-lokalità ta' Tas-Sliema skont ir-regolament 17(4) tal-imsemmija Skeda se jiġi estiż sat-Tnejn, is-27 ta' Frar, 2012 f'nofsinhar.

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi ż-żmien għall-pubblikazzjoni tal-lista fil-Gazzetta tal-Gvern, skont ir-regolament 17(5) tal-istess Skeda rigward id-dokumenti għall-votazzjoni li ma jitqassmux, se jiġi estiż sat-Tlieta, it-28 ta' Frar, 2012.

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-21ta' Frar, 2012

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Notice

The Electoral Commissioners hereby notify that by virtue of the powers conferred to them by regulation 3 (1) of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the distribution of voting documents for the locality of Tas-Sliema in accordance with regulation 17(4) of the aforementioned Schedule shall be extended up to Monday, 27th February, 2012 at noon.

The Electoral Commissioners further notify that the date for the publication of the list in the Government Gazette, in accordance with regulation 17(5) of the same Schedule regarding undistributed voting documents, shall be extended up to Tuesday, 28th February, 2012.

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

21st February, 2012

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2012

Il-*Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee)* fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-proposti għas-Sena 2012 mingħand uffiċjali mediċi eliġibbli mill-kategoriji ta' *Clinical Chairperson/Director, Consultant/Principal General Practitioner, Resident Specialist/Designate Consultant/ Senior General Practitioner* u *General Practitioner* impjegati fis-Servizz Pubbliku jew Settur Pubbliku.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru fuq formoli apposta u għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-QAIAC fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, SLH-OPD (Level 1), Pjazza San Luqa, Gwardamanġa sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, id-29 ta' Frar 2012. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Tobba eliġibbli jistu jiksbu kopja tal-formola tal-applikazzjoni u kundizzjonijiet mill-*website* tad-Diviżjoni tas-Saħħa: (http://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/publichealthregulation/merit_award_scheme.aspx) jew DH Cir. Nru. 17/2011. Aktar tagħrif jinkiseb mingħand is-Segretarja fl-Uffiċċju tal-QAIAC fuq in-numru tat-telefon: 2595 3311.

Il-21 ta' Frar, 2012

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme – 2012

The Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee) within the Health Division invites applications for proposals for 2012 from eligible medical officers from the categories of Clinical Chairperson/ Director, Consultant/Principal General Practitioner, Resident Specialist/Designate Consultant/Senior General Practitioner, General Practitioner employed within the Public Service or Public Sector.

Applications on the designated forms should reach the Office of the QAIAC at the Superintendence of Public Health, SLH-OPD (Level 1), St. Luke's Square, Gwardamanġa by not later than noon on Wednesday, 29th February 2012. Late applications will not be considered.

Eligible officers may obtain a copy of the Call for Proposals and relative application form from the Heath website: (http://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/publichealthregulation/merit_award_scheme.aspx) or from the DH Circular No. 17/2012. Further information may be obtained from the Secretary at the QAIAC Office on telephone number: 2595 3311.

21st February, 2012

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Uffiċċju Ġdid għar-Reġistru tal-Bastimenti tas-Sajd

Id-Direttur għall-Kontroll tas-Sajd jgħarraf lill-pubbliku li r-Reġistru tal-Bastimenti tas-Sajd issa jinsab fil-bini tad-Direttorat għall-Kontrol tas-Sajd f'Xatt il-Barriera, Il-Belt Valletta.

In-numri tat-telefon huma: 2292125/6/7.

Indirizz elettroniku: (rita.a.spiteri@gov.mt).

Il-21 ta' Frar, 2012

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Change of Premises of the Fishing Vessel Register

The Director Fisheries Control informs the general public that the office of the Fishing Vessel Register has moved to the Fisheries Control Directorate at Barriera Wharf, Valletta.

The telephone numbers are 2292125/6/7.

E-mail address: (rita.a.spiteri@gov.mt).

21st February, 2012

KUNSILL LOKALI L-ISLA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont l-Artikolu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) se ssir Laqgħa Pubblika Annwali tal-Lokalità nhar il-Ħadd, is-26 ta' Frar, 2012, fis-Sala tas-Soċjetà Filarmonika "La Vincitrice", L-Isla fl-10.00 a.m.

Il-persuni kollha li jidhru fir-Reġistru Elettorali ta' Ottubru 2011 huma mistiedna jattendu għal din il-laqgħa pubblika.

Il-21 ta' Frar, 2012

L-ISLA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), an Annual Locality Meeting will be held on Sunday, 26th February, 2012 at the Hall of Soċjetà Filarmonika "La Vincitrice", L-Isla at 10.00 a.m.

All persons appearing in the last Electoral Register of October 2011 are invited to attend for this public meeting.

21st February, 2012

KUNSILL LOKALI IL-QRENDI

Laqgħa Pubblika Annwali

Skont l-Artikolu 70 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) se ssir Laqgħa Pubblika Annwali nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Marzu 2012, fl-Uffiċċju Amminstrattiv tal-Kunsill Lokali f'7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi, fil-5.30 p.m.

Għal din il-laqgħa huma mħeġġa li jattendu u jieħdu sehem fid-diskussjonijiet dawk il-persuni kollha li jidhru fl-aħħar Reġistru tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

Ir-residenti li jattendu jkunu jistgħu jagħmlu suġġerimenti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Il-21 ta' Frar, 2012

QRENDI LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual public meeting will be held on Wednesday, 28th March 2012, at the Local Council's Administrative Office, 7, Triq il-Knisja, Qrendi, at 5.30 p.m.

All the residents that are listed in the latest Qrendi Local Council's Register are encouraged to attend this meeting and take part in the discussions.

The residents attending for this meeting will have time to make their suggestions for the consideration of the Local Council.

21st February, 2012

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi l-ġodda li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fid-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Sal-10.00 a.m. it-TLIETA, it-3 ta' April, 2012, għal:

CT/A/ 004/2012 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3091/2011. Servizzi ta' arkitettura u ta' inġinerija fil-katakombi Ta' Bistra fl-Akwati B u Ċ – Heritage Malta. Id-dokument tal-offerta jista' jitniżżel bla ebda ħlas mis-sit: (www.contracts.gov.mt).

Dan huwa *Service Contract* taħt l-*Local Accelerated Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali – Ninvestu fl-Ambjent Rurali – ir-rata ta' ko-finanzjament hija 75% Fondi Ewropej u 25% Fondi Lokali.

CT/A/ 005/2012 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3056/2011. Servizzi ta' monitoraġġ (ġbir ta' informazzjoni), analiżi u interpretazzjoni fil-Banjijiet Rumani ta' Għajn Tuffieħa, u fil-katakombi Ta' Bistra fl-Akwati B u Ċ – Heritage Malta. Id-dokument tal-offerta jista' jitniżżel bla ebda ħlas mis-sit (www.contracts.gov.mt).

Dan huwa *Service Contract* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali – Ninvestu fl-Ambjent Rurali – ir-rata ta' ko-finanzjament hija 75% Fondi Ewropej u 25% Fondi Lokali.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħtet fis-16 ta' Frar, 2012.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following new advertisements will be received on the dates indicated below. Tenders are to be deposited in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 3rd April, 2012, for:

CT/A/004/2012 - Contracts Ref No. CT3091/2011. Architectural and engineering services at Ta' Bistra catacombs Area B and C – Heritage Malta. The tender document may be downloaded free of charge from (www.contracts.gov.mt).

This is a Service Contract Notice under the Local Accelerated Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the The European Agricultural Fund for Rural Development: Europe Investing in Rural Areas – Co-financing rate: 75% EU funds; 25% National funds.

CT/A/005/2012 - Contracts Ref.No. CT 3056/2011. Environmental monitoring (data capture), analysis and interpretation at the Għajn Tuffieħa Roman Baths and Ta' Bistra catacombs Area B and C – Heritage Malta. The tender document may be downloaded free of charge from (www.contracts.gov.mt).

This is a Service Contract under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the The European Agricultural Fund for Rural Development: Europe Investing in Rural Areas – Co-financing rate: 75% EU funds; 25% National funds.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th February, 2012.

Lista tal-avviżi kurrenti tinsab permezz tas-sit tad-Dipartiment fuq: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Kuntratti: (http://www.contracts.gov.mt). L-offerenti huma avżati li mill-istess sit jistgħu jniżżlu previżjoni tad-dokumenti, bla ħlas. Tinħtieġ reġistrazzjoni sabiex isir użu tas-servizzi elettroniċi tad-Dipartiment; iktar informazzjoni tinsab fuq (http://www.contracts.gov.mt/help?l=2). Is-sit jipprovdi wkoll informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-21 ta' Frar, 2012

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skont l-AL296 tal-2010 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2010 r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti publiċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara 12.00 (nofsinhar). **L-Offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi juzaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment: (http://www.contracts.gov.mt).**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġeneral (Kuntratti) skond Partijiet II jew XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-Parti tar-Regolamenti.

Il-21 ta' Frar, 2012

A list of of all current advertisements is available from the Department's website http://www.contracts.gov.mt/current_tenders.

Tender documents are only obtainable from the website of the Department of Contracts, http://www.contracts.gov.mt. Tenderers are reminded that from this website, they can download preview documents for free. Registration is required in order to make use of the electronic services of the Department: more information is available from http://www.contracts.gov.mt/help. The website also provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

21st February, 2012

